Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10554 — Blackstone / Francisco Partners / Renaissance)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 509/12)

1. Fl-10 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Blackstone, Inc. ("Blackstone", l-Istati Uniti tal-Amerka)

— Francisco Partners Management, L.P. ("Francisco Partners", l-Istati Uniti tal-Amerka)

— RL AcquisitionCo, Inc. ("Renaissance", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata esklużivament minn Francisco Partners.

Blackstone u Francisco Partners jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Renaissance.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Blackstone huwa maniġer tal-assi globali attiv f'firxa wiesgħa ta' klassijiet ta' assi inklużi, fost l-oħrajn, l-ekwità privata, il-proprjetà immobbli u d-dejn pubbliku u l-ekwità, l-ekwità tat-tkabbir, il-kreditu opportunistiku u mhux ta' grad ta' investiment, l-assi tal-proprjetà immobbli u l-fondi sekondarji;

— Francisco Partners hija kumpanija ta' ekwità privata ffokata esklużivament fuq investimenti f'negozji tat-teknoloġija u dawk abilitati mit-teknoloġija; kif ukoll

— Renaissance jipprovdi software immirat lejn is-settur tal-edukazzjoni primarja u postprimarja, kif ukoll software bbażat fuq il-cloud u għodod tal-fluss tax-xogħol li jippermettu lill-għalliema jgħallmu b'mod aktar effiċjenti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10554 — BLACKSTONE / FRANCISCO PARTNERS / RENAISSANCE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË